MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-30 ta' April, 2013

Rikors Numru. 292/2012

Avukati Simon **TORTELL** u Kevin Cutajar, u b'degriet tal-1 ta' Awissu, 2012, l-ġudizzju għadda f'isem Dottor Kevin Cutajar minħabba l-mewt tal-Avukat Simon Tortell fil-mori tal-kawża

vs

**IR-REĠISTRATUR QRATI ĊIVILI U TRIBUNALI**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fl-20 ta' Marzu, 2012, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, r-rikorrent talbu li, għall-finijiet tal-artikolu 556(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Qorti tordna lill-intimat Reġistratur biex jerġa' jintaxxa u jibdel it-Taxxa Uffiċjali maħruġa minnu dwar servizzi

professjonali extra-ġudizzjarji li huma taw lil Alfred *sive* Wilfred Spiteri li wasslu għall-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni tal-beni tal-miżżewġin bejn l-imsemmi Spiteri u martu Maria Lourdes Spiteri u servizzi professjonali oħrajn marbuta ma' dan;

Rat in-Nota mressqa mir-rikorrenti fit-23 ta' Marzu, 2012, b'xi dokumenti mehmużin magħha;

Rat it-Tweġiba mressqa mid-Direttur intimat fl-4 ta' Mejju, 2012, li biha laqa' għat-talba tar-rikorrenti billi qal li r-rikors ma jiswiex għaliex ma jsegwix dak mitlub mil-liġi, fosthom li ma fihx "okkju". Żied jgħid li t-taxxa nħadmet fuq il-paragrafi 11(1)(iii) u 11(3) tat-Tariffa E tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili u mhux tal-paragrafu 11 tat-Tariffa D, kif jgħidu r-rikorrenti. Qal ukoll li m'għandux ibati spejjeż għaliex huwa dejjem dispost li jfiehem lil kull min ikun kif ikun ħadem it-taxxa u għalhekk l-azzjoni saret qabel waqtha għaliex ir-rikorrenti ma avviċinawhx biex iħalluh ifissrilhom kif wasal għas-somma;

Rat id-degriet tagħha tat-12 ta' Ġunju, 2012[1], li bih u għall-finijiet tal-artikolu 175 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, ordnat li jsiru l-bidliet fl-atti tar-rikors;

Rat id-degriet tagħha tat-12 ta' Ġunju, 2012, li bih ħatret lill-Avukat Maria Dolores Gauċi bħala Assistent Ġudizzjarju biex tisma' x-xhieda tal-intimat;

Rat ix-xhieda mogħtija mid-Deputat Reġistratur[2];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mir-rikorrenti fit-23 ta' Ottubru, 2012[3];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-intimat fid-29 ta' Novembru, 2012[4], bi tweġiba għal dik tar-rikorrenti;

Rat l-atti kollha tar-Rikors;

---

[1] Paġ. 14 tal-proċess
[2] Paġġ. 21 – 7 tal-proċess
[3] Paġġ. 30 – 3 tal-proċess
[4] Paġġ. 35 – 8 tal-proċess

Rat id-degriet tagħha tat-12 ta’ Diċembru, 2012, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni taħt l-artikolu 556(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta dwar taxxa ta’ drittijiet extra-ġudizzjarji. Ir-rikorrenti qegħdin jitlobu biex taxxa ta’ servizzi legali extra-ġudizzjarji mogħtijin minnhom terġa’ tinħadem mill-ġdid għaliex ma jaqblux mal-mod kif tqiesu s-servizzi li ngħataw. Ir-rikorrenti kienu tqabbdu biex jgħinu klijent tagħhom miżżewweġ li ried li ssir il-firda tal-ġid bejnu u bejn martu. Meta ressqu n-nota bis-servizzi li ngħataw[5], id-Deputat Reġistratur tal-Qorti ta’ Ġurisdizzjoni Volontarja wasal għal ammont ta’ dritt taxxat li kien anqas sewwa minn dak li r-rikorrenti kienu niżżlu fin-nota tagħhom. It-taxxa ngħatat f’degriet (Numru 104/2012) fl-20 ta’ Frar, 2012[6], u r-rikors tressaq fl-20 ta’ Marzu, 2012, sewwasew mal-għeluq taż-żmien ta’ xahar mogħti mil-liġi;

Illi r-rikorrent jressqu żewġ ilmenti kontra l-mod kif inħadmet it-taxxa. Fl-ewwel lok, huma jgħidu li d-dritt kalkulat ma jirriflettix dak li tistipula l-liġi. Fit-tieni lok, jgħidu li ladarba s-servizzi ngħataw minn żewġ avukati, d-Deputat messu ħareġ żewġ taxxi u mhux taxxa waħda. Min-naħa tiegħu, d-Direttur intimat (li għandu fil-liġi wkoll il-funzjonijiet ta’ Reġistratur) jgħid li d-Deputat Reġistratur mexa ma’ dak li trid il-liġi, ladarba s-servizzi legali mogħtija wasslu għall-pubblikazzjoni ta’ kuntratt; u ħareġ taxxa waħda għaliex ir-rikorrenti ġabru s-servizzi f’nota waħda, marbuta dejjem mal-kuntratt li sar, tant li mal-imsemmija nota hemżu wkoll kopja tal-kuntratt nutarili pubbliku relattiv;

Illi f’każijiet bħal dan il-<u>konsiderazzjonijiet ta’ natura legali</u> jintrabtu mal-ħtieġa li jinstab il-kejl xieraq li jrid jintuża biex jingħata l-ħlas mistħoqq għas-servizz li jkun ingħata. Dan għandu jsir kif trid il-liġi. Kemm hu hekk, kemm ir-

[5] Dok f’paġ. 5 tal-proċess
[6] Dok f’paġ. 7 tal-proċess

rikorrenti u kif ukoll l-intimat jisħqu fuq dan l-istess kejl, imma nqala' bejnhom nuqqas ta' qbil dwar dak li huwa "skond il-liġi";

Illi l-liġi tistipula t-tariffa bid-drittijiet li jitħallsu lill-Avukati dwar is-servizzi professjonali tagħhom fit-Tariffa E mehmuża mal-Ewwel Iskeda tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili. Dwar servizzi li jingħataw b'rabta ma' pubblikazzjoni ta' kuntratt u lil hinn minn proċeduri ġol-qrati, dik it-tariffa tipprovdi li: "*11(1) Għall-kitba jew eżami ta' kuntratt għall-pubblikazzjoni minn Nutar Pubbliku, inklużi d-drittijiet għall-parir, riċerki għall-passività u trasferimenti, tfittix ta' provenjenza ta' immobbli, u attendenza fil-pubblikazzjoni: jekk il-valur tal-oġġett tal-kuntratt in kwistjoni –*

*(i) ma jeċċedix €465.87 .................... minn € 11.65 sa € 23.29;*

*(ii) jeċċedi €465.87 iżda ma jeċċedix €6,988.12, għal kull €100 jew parti minnha ................................................ €4.66;*

*(iii) jeċċedi €6,988.12 u ma jeċċedix €58,234.33, għal kull €100 jew parti minnha iktar minn dak l-eċċess ............. €2.33.*

*(2) Meta, in konnessjoni mal-kitba jew mal-eżami ta' kuntratt li għandu jkun pubblikat minn Nutar Pubbliku, Avukat ma jagħmilx is-servizzi kollha msemmija fis-sub-paragrafu (1) ta' dan il-paragrafu, id-drittijiet għandhom jiġu intaxxati fuq il-bażi ta' dak is-sub-paragrafu, billi jittieħed kont biss tas-servizzi attwalment moqdija kemm-il darba l-Avukat ma jassumix responsabbiltà professjonali għall-kuntratt, f'liema każ jitħallas id-dritt stabbilit f'dak is-subparagrafu.*

*(3) Jekk il-valur tal-interess konċernat ikun jeċċedi €58,234.33 jew jekk il-valur tal-interess konċernat ma jkunx espress fi flus, ma jkun hemm ebda Tariffa*";

Illi l-Qorti ser tibda biex tqis il-kwestjoni dwar kif messha kienet imħaddma l-liġi biex jingħata l-ħlas mistħoqq lir-rikorrenti u jekk l-intimat mexiex mal-liġi. Għalkemm ħadd mill-partijiet ma' deherlu li kien meħtieġ li titressaq kopja tal-kuntratt li madwaru ngħataw is-servizzi professjonali rikjamati mir-rikorrenti, iż-żewġ partijiet jidher li jaqblu

dwar l-eżistenza tiegħu. L-att nutarili kien pubblikat tassew u kopja tiegħu inhemżet man-Nota mressqa mir-rikorrenti għall-kunsiderazzjoni tad-Deputat Reġistratur tal-Qorti ta' Ġurisdizzjon Volontarja. Fir-rikors promotur, jissemma li l-valur tal-oġġett tal-kuntratt kien ta' tmien mija u tlieta u erbgħin elf u seba' mitt euro (€ 843,700). L-istess Deputat Reġistratur xehed ukoll li, wara li r-rikorrenti iċċarawlu li fil-fatt kien sar kuntratt, kien tahom dritt sħiħ[7]. Dan juri li l-kuntratt kien fih valur u li kien jaqbeż l-ammont imsemmi fil-paragrafu (iii) tal-paragrafu 11(2) tant li l-istess xhud jirreferi għal dan il-fatt ukoll fix-xhieda tiegħu;

Illi ħareġ ukoll li bejn il-partijiet inqala' nuqqas ta' qbil minħabba żball li jidher li sar meta l-ammonti tat-tariffa kienu nqalbu minn denominazzjoni ta' Lira Maltija (Lm ) għal euro (€) meta saret il-bidla tal-flus. Dan ġara għaliex, ir-Reġistratur intimat jidher li kien ta struzzjonijiet lid-deputati Reġistraturi li jibqgħu jintaxxaw id-dritt fuq il-perċentwali ta' wieħed fil-mija (1%) u mhux skond kif saret it-tariffa wara l-konverżjoni. Dan ir-raġunar m'huwiex tajjeb: it-tariffa hija liġi u jmissha titwettaq kif inhi u mhux kif wieħed jaħseb li messha saret. Jekk sar żball meta kienet qiegħda ssir il-konverżjoni, dak l-iżball ma jissewwiex billi wieħed jinjora l-liġi, imma billi jibdel l-iżball (jekk żball tassew hu) bil-modi li trid il-liġi[8]. Għalhekk, safejn id-Deputat Reġistratur mexa mal-istruzzjonijiet tal-intimat Reġistratur b'nuqqas ta' ħarsien tal-liġi, it-taxxa maħruġa ma saritx sewwa u jmissha tarġa' ssir;

Illi, madankollu, fil-fehma tal-Qorti hemm ċirkostanza oħra li għandha titqies. Diġa' ngħad li l-valur tal-kuntratt tal-firda tal-ġid tal-miżżewġin ("separazzjoni tal-beni") kien jisboq bil-wisq l-ammont ta' tmienja u ħamsin elf mitejn u erbgħa u tletin euro (€58,234.33). Ix-xhud Buġeja qal li lir-rikorrenti, ladarba, sar il-kuntratt, tahom "il-*full*", jiġifieri qies sal-ogħla biċċa mill-ammont imsemmi fil-paragrafu 11(2)(iii) tat-Tariffa u, bi tħaddim għal dak li jipprovdi l-paragrafu 11(1), inkorpora s-servizzi kollha li kienu

[7] Xhieda ta' Marcel Buġeja 26.9 2012, f'paġġ. 25 u 26 tal-proċess
[8] Ara App. Inf. RCP **21.3.2012** fil-kawża fl-ismijiet ***Joe Cauchi Development Limited et noe vs Reġistratur tal-Qorti et***

semmewlu r-rikorrenti fid-dritt taxxat skond il-kuntratt. Madankollu, l-Qorti tqis li ma kellux jgħodd dak il-paragrafu, iżda l-paragrafu 11(3). Dan jgħid li fejn l-ammont tal-kuntratt jisboq €58,234.33 ma jkun hemm l-ebda Tariffa. Hija l-fehma tal-Qorti, għalhekk, li ladarba d-Deputat Reġistratur ra kemm kien il-valur tal-ġid tal-kuntratt, u li dak il-valur kien jgħodd għalih il-paragrafu 11(3) tat-Tariffa, huwa messu qies biss is-servizzi mogħtija (ladarba d-dritt taħt il-kuntratt ma satax jintaxxah la ma hemmx tariffa) mogħtija bħallikieku l-kuntratt ma kienx sar, u dan bi tħaddim tal-paragrafi 11(1) u 11(2) tal-istess Tariffa jew kif mod ieħor minnha regolati[9];

Illi jifdal li l-Qorti tqis it-tieni argument tar-rikorrenti. Huma jisħqu li t-tnejn li huma taw servizzi professjonali lill-istess klijent b'rabta mal-eventwali pubblikazzjoni tal-istess kuntratt. Iżda jgħidu li s-servizzi mogħtijin minnhom kienu dwar aspetti legali li ma jirfsux fuq xulxin. L-intimat jgħid li huma ressqu Nota waħda bil-prestazzjonijiet tagħhom u għalhekk kellu jinħareġ dritt wieħed taxxat għalihom it-tnejn. Il-Qorti tqis li l-kopja tan-Nota mressqa mir-rikorrenti għall-kunsiderazzjoni tad-Deputat Reġistratur qabel ħareġ it-Taxxa attakkata turi b'mod ċar li kull wieħed miż-żewġ rikorrenti semma s-servizzi rispettivament mogħtijin minnu separatament minn tal-ieħor. Huwa minnu li, fl-aħħar tan-Nota, ġabru ż-żewġ ammonti pretiżi f'somma waħda, imma l-prestazzjonijiet ta' kull wieħed kienu jingħarfu minn ta' xulxin. Kif xehed l-istess Deputat Reġistratur, ladarba ra li sar il-kuntratt, ġibed il-linja tal-intaxxar fuq l-ogħla tariffa skond dak il-kuntratt u, kif qal huwa stess "*x'ħin rajt li l-kuntratt sar intaxxajt bil-full. Injorajt kollox, għax jiena la ħa nintaxxa fil-full ma għandix x'noqgħod nara.*";

Illi fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li saru qabel, minħabba fil-valur tal-kuntratt, il-Qorti ssib li dan ma kienx il-mod kif kellhom ikunu ntaxxati d-drittijiet tar-rikorrenti, u lanqas ma jidher li kien sewwa li tinħareġ taxxa waħda jekk in-nota mitluba mil-liġi kienet issemmi u tfisser il-prestazzjonijiet taż-żewġ rikorrenti separatament;

[9] Ara Par. 47(ċ)(d) u (e) tat-Tariffa E

Illi l-Qorti tasal għall-fehma li t-talba tar-rikorrenti hija tajba u mistħoqqa;

Illi għalkemm l-intimat ma baqax jinsisti aktar fuq l-ewwel eċċezzjoni preliminari tiegħu fid-dawl tad-degriet mogħti mill-Qorti fl-ewwel smigħ (dwar il-bidliet fl-atti tar-rikors promotur), fis-sottomissjonijiet tal-għeluq tiegħu xorta waħda qanqal l-argument li l-proċedura kienet "monka" ladarba ma saritx notifika tar-rikors ukoll lill-klijent tar-rikorrenti. Serraħ dan l-argument tiegħu fuq dak li jistipula l-artikolu 64(2) tal-Kap 12;

Illi l-Qorti ma tqisx dan l-argument tal-intimat bħala tajjeb. Fl-ewwel lok, il-proċedura tal-lum m'hijiex waħda mressqa taħt l-artikolu 64 imma taħt l-artikolu 556 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili. Fit-tieni lok, din il-proċedura tal-lum tirrigwarda r-rabta bejn l-avukat u d-Deputat Reġistratur dwar id-dritt professjonali pretiż. L-artikolu 556(4) jagħmilha ċara li ż-żmien ta' xahar biex wieħed jappella quddiem din il-Qorti mit-taxxa maħruġa jibda jgħodd, fil-każ tad-debitur (f'dan il-każ, il-klijent tar-rikorrenti), minn dak inhar li t-taxxa tkun notifikata lilu. S'issa ma hemm l-ebda taxxa li tista' tkun notifikata lill-klijent tar-rikorrenti, sewwasew għaliex ir-rikorrenti qegħdin jikkontestaw dik maħruġa mid-Deputat Reġistratur. Fit-tielet lok, ukoll kieku kellu jilħaq jagħlaq iż-żmien ta' xahar imsemmi, il-klijent jista' dejjem "b'kull mod mogħti mil-liġi, jattakka l-eżistenza tad-dritt mitlub"[10]. Għalhekk, il-proċedura mressqa mir-rikorrenti ma fiha xejn nieqes u l-ġudizzju huwa sħiħ;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tilqa' t-talba tar-rikorrenti** u, filwaqt li ssib li t-taxxa ġudizzjarja maħruġa bis-saħħa tad-Degriet numru 104/2012 tal-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja fl-20 ta' Frar, 2012, ma saritx kif titlob il-liġi, tordna lill-intimat biex

[10] Art. 556(5) tal-Kap 12

jibdel l-imsemmija taxxa u joħroġ favur ir-rikorrenti taxxa mill-ġdid skond dak li jingħad f'din is-sentenza;

**Tordna** wkoll li l-intimat iħallas l-**ispejjeż ta' din il-proċedura.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------